MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 261/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**El Gamoudi Nabel Mohamed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra El Gamoudi Nabel Mohammed talli nhar it-8 ta' Marzu 2005, ghall-habta tat-3.30 p.m, gewwa l-bini tal-Qorti, il-Belt:

a) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe` P.S. 765 Samwel J. Attard filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

b) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe` P.S. 765 Samwel J. Attard waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

c) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura hafifa fuq P.S. 765 Samwel J. Attard liema reat sar fuq il-persuna ta’ xhieda jew periti li kienet xehdet jew ta l-fehma tieghu f’kawza u minhabba f’dik ix-xiehda, kif ukoll fuq il-persuna ta’ min kien ufficjal pubbliku jew kien inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u li hu jew kien ufficjal jew impjegat ta’ korp kostitwit b’ligi meta r-reat ikun sar minhabba li dik il-persuna kienet ghamlet id-dmirijiet tal-kariga taghha;

d) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u bil glied;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Settembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi El Gamoudi Nabel Mohamed mhux hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, hati tat-tielet imputazzjoni minghajr l-aggravji, u hati tar-raba’ imputazzjoni u kkundannatu ghal xahrejn u nofs prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-20 ta’ Settembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija fuq ir-raba’ imputazzjoni u ssib htija fuq l-ewwel u t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet bl-aggravarji u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Skond l-aggravju ta’ l-Avukat Generali, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u kkunsidrat li l-incident inqala’ ghax l-appellat haseb li P.S. 765 Samwel Attard, li dak il-hin kien fuq xoghol tal-Pulizija, dahaq bih. Skond l-appellant, P.S. 765 kien fuq xoghlu u dak li haseb l-appellat mhux rilevanti ghall-fatt li l-offiza saret kontra ufficjal tal-Pulizija fil-qadi tad-doveri tieghu u konsegwentement l-appellat kellu jinstab hati.

Hawn qeghdin fil-kamp ta’ l-apprezzament tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Evidentement l-ewwel Qorti, wara konsiderazzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemha, wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant ma kienx hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijet, hati tat-tieni imputazzjoni minghajr l-aggravji u hati tar-raba' imputazzjoni.

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti, wara li ghaddiet in rassenja l-provi mismugha, qalet hekk:

**"Illi mix-xiehda fuq esposta, huwa evidenti illi l-imputat dehrlu li kellu jattakka lis-Surgent Attard il-ghaliex dan, fl-isfond tal-atmosfera mbikkma wara l-kundanna ta' tnejn u ghoxrin (22) sena habs fuq kuginuh, hass u kien tal-opinjoni li l-istess Samuel Attard kien qed jidhaq bih u bis-sitwazzjoni li kien qieghed fiha.**

**Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi ma jissussistix ir-reat mahsub taht l-artikolu 95 jew 96, u**

**cioe` l-ewwel zewg akkuzi, u dan il-ghaliex l-attakk jew l-offiza fuq il-persuna ta’ P.S. 765 Samuel Attard ma saritx minhabba l-fatt illi dan kien persuna nkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku, jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bi hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.**

**Illi r-reat li jinkwadra ruhu mill-fattispeci ta’ dan il-kaz huwa ghalhekk l-artikolu 221. Infatti, kien l-imputat stess apparti n-numru konsiderevoli ta’ xhieda f’dan il-kaz illi kkonferma li huwa mar fuq P.S. 765 u tah daqqa ta’ ponn, u dan ghax haseb u hass ruhu aggravat mill-fatt illi P.S. 765 Attard kien qieghed jidhaq bih u bis-sitwazzjoni li kien jinstab fiha.**

**Din il-Qorti rat illi l-prosekuzzjoni ma gabitx provi kif trid il-ligi u cioe` sal-livell probatorju ta’ ‘beyond reasonable doubt’, illi l-attakk fuq P.S. 765 Attard sar mill-imputat ghaliex dan kien xhud jew perit f’din il-kawza. Il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova biex taghmel nexus bejn ix-xiehda ta’ P.S. 765 Attard fil-guri, u l-attakk mill-imputat. Minghajr provi ta’ dan in-nexus, ebda Qorti ma tista’ ssib htija fuq ic-cirkostanzi aggravanti mahsuba fl-artikolu 222(1)(b).**

Mis-suespost huwa evidenti illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi P.S. 765 Samuel Attard verament hares lejn l-appellat u dahaq f’mument fejn l-emozzjonijiet kienu gholja. Dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal dik il-konkluzjoni in vista tax-xiehda li ta l-appellat stess u dik ta’ Dott. Emanuel Mallia li kien prezenti fl-Awla Kriminali. Issa, P.S. 765 qal li kien fl-Awla bl-ordni ta’ l-Ispettur Nezrin Grixti. Pero` l-Ispettur Grixti fix-xiehda tieghu ma jghid xejn dwar jekk kienx ta ordni jew le. F’dan il-kaz fil-fatt hemm dubju ragjonevoli dwar ir-raguni tal-prezenza ta’ P.S. 765 fl-Awla fil-mument meta gara l-incident in kwistjoni. F’kull kaz din il-Qorti hija tal-fehma illi ufficjal pubbliku jista’ jizvesti ruhu mir-rwol tieghu ta’ ufficjal pubbliku jekk l-agir tieghu ma jkunx konsonanti ma’ dak ir-rwol. Fil-kaz in ezami ghalhekk l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------